MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 20/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Crucifisso Demicoli**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Crucifisso Demicoli talli nhar it-12 ta' Ottubru, 1998, f'xi hin bejn id-9.00 pm u l-10.00 pm, gewwa Misrah Lewza, San Gwann (**1**) volontarjament hassar jew ghamel hsara fi jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi permezz ta' *crook lock* ta diversi daqqiet fuq vettura tal-ghamla Dodge, numru ta' registrazzjoni EBB-423, proprjeta` ta' John Baldacchino minn Birkirkara, liema hsara giet stmata aktar minn mitt lira izda anqas minn hames mitt lira, u dan kollu a dannu ta' l-istess John Baldacchino, bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9; (**2**) talli

fl-istess data, hin, lok u cirkostanza bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'xi mod iehor, ikun li jkun, bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9; (**3**) talli bhala impjegat jew ufficjal pubbliku ikkommetta l-imsemmija reati meta huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap. 9; (**4**) l-ewwel qorti kienet mitluba lil titratta ma' l-imsemmi Crucifisso Demicoli bhala li huwa recidiv f'diversi sentenzi; (**5**) kif ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-Kap. 152 riferibbilment ghal zewg sentenzi moghtija fil-5 ta' Frar, 1998 li permezz taghhom huqa tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghall-periodu ta' tmintax-il xahar filwaqt li b'sentenza tal-14 ta' April, 1998 huwa nghata "conditional discharge" ghall-periodu ta' sitt xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Crucifisso Demicoli hati skond l-ewwel imputazzjoni (b'dan, pero`, li l-ammont ta' hsara ma kienx jaqbez il-mitt lira), hati skond it-tieni imputazzjoni, mhux hati skond it-tielet imputazzjoni, sabitu hati li hu recidiv (skond ir-raba' imputazzjoni), kif ukoll hati li kiser id-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 bis-sentenzi tal-5 ta' Frar, 1998 u 14 ta' April, 1998, u kkundannatu komplessivament ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Crucifisso Demicoli, minnu ppresentat fil-5 ta' Frar, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2003; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li ma giex pruvat l-ammont tal-hsara kkagunata fil-vettura ta' Baldacchino. Minn qari akkurat tas-sentenza appellata din il-Qorti tosserva li f'dik il-parti ta' l-imsemmija sentenza fejn dik il-qorti kienet qed titratta dwar l-ewwel imputazzjoni saret referenza ghall-Artikolu 325(c) [recte: 325(1)(c)] tal-Kodici Kriminali. Hu evidenti, ghalhekk, li l-ewwel qorti proprjament kellha f'mohha mhux (kif qalet fis-

sentenza) hsara li ma taqbizx il-mitt lira, izda hsara li ma taqbizx il-hamsin lira izda li taqbez l-ghaxar liri. Il-piena komminata fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 325 imsemmi hija ta’ prigunerija ghal periodu ta’ mhux izjed minn sitt xhur (ma hemmx minimu stabbilit). Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hija sodisfatta li l-hsara kagunata fil-vettura ta’ Baldacchino kienet tammonta ghal aktar minn ghaxar liri, u ghalhekk l-ewwel qorti setghet legalment issib u tiddikjara lill-appellant hati ta’ hsara volontarja fit-termini tal-imsemmi Artikolu 325(1)(c).

Aggravju iehor ta’ l-appellant hu fis-sens illi t-tieni imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement pruvata. Din il-Qorti ser tilqa’ dan l-aggravju ghas-semplici raguni li mid-deposizzjoni ta’ Stephen Azzopardi – l-uniku xhud okulari tal-incident li fih l-appellant beda jaghti fuq il-vettura proprjeta` ta’ Baldacchino – ma jirrizultax li dan l-incident sehh bil-lejl meta n-nies ikunu normalment reqdin b’mod li l-istess incident kiser il-mistrieh taghhom. L-uniku hin li jissemma’ fid-deposizzjoni tieghu huwa l-hamsa ta’ wara nofs in-nhar. Huwa veru li mill-okkorrenza a fol. 52 jirrizulta li r-rapport fil-ghassa tal-pulizija sar “at about 9.30 pm”, pero` minn din l-okkorrenza ma jirrizultax kemm qabel gara l-incident. Kollox ma’ kollox, ghalhekk, din il-Qorti tara li dana l-aggravju hu fondat.

Aggravju iehor ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva. Din il-Qorti, pero`, tosserva li l-piena skond l-Artikolu 235(1)(c) imsemmi hija dik ta’ prigunerija – dana l-artikolu ma jipprovdix ghall-possibilita` ta’ multa. Din il-Qorti ma tara li hemm, f’dan il-kaz, ebda raguni specjali u straordinarja biex tinzel taht il-minimu skond l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Ghal sentenza ta’ prigunerija sospiza hemm id-divjet tal-Artikolu 28A(7)(c) tal-Kodici Kriminali, u cioe` peress li r-reat *de quo* sar fil-periodu ta’ *probation* kif ukoll ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni skond il-Kap. 152 (ara s-sentenza ***Il-Pulizija v. Crocifisso Demicoli u Marita Grima*** tal-14 ta’ April, 1998 – fol. 8 tal-process – u ***Il-Pulizija v. Crocifisso Demicoli*** tal-5 ta’ Frar, 1998 – fol. 17 tal-process). Ghall-istess raguni, cioe` minhabba li r-reat *de quo* sar fil-periodu ta’ *probation* kif ukoll ta’ ordni ta’ liberazzjoni taht

kundizzjoni, din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha toqghod tahli r-rizorsi limitati tad-Dipartiment tal-*Probation* jew li terga’ tafda lill-appellant b’liberazzjoni taht kundizzjoni. Mill-banda l-ohra, jidher li l-appellant illum ghandu xoghol stabbli bhala fattiga mad-Dipartiment ghall-Anzjani u Servizzi fil-Komunita` u jahdem fir-residenza ta’ San Vincenz de Paul (ara c-certifikat rilaxxjat fit-2 ta’ Frar ta’ din is-sena minn Nursing Officer Noel Sharples u ezibit fl-udjenza tas-6 ta’ Gunju, 2003). Ghal din ir-raguni – u ghal din ir-raguni biss – din il-Qorti sejra eccezjonalment tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti u taghmel ir-rakkomandazzjoni infraskritta.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, u minflok tilliberah minn din it-tieni imputazzjoni; thassarha u tirrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant sitt xhur prigunerija u minflok tikkundannah (kemm fuq l-ewwel imputazzjoni kif ukoll peress li r-reat sar fil-periodu ta’ iberazzjoni taht kundizzjoni [1] kif ukoll fil-periodu ta’ *probation* [2]) ghall-piena ta’ wiehed u ghoxrin gurnata prigunerija mil-lum; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fl-ahharnett din il-Qorti tirrakkomanda lill-awtoritajiet koncernati li l-appellant ma jitlifx l-impieg li bhalissa ghandu kif fuq indikat. Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Anzjani u Servizzi fil-Komunita`.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Sentenza tal-14 ta’ April, 1998.
[2] Sentenza tal-5 ta’ Frar, 1998.